Ref: 23/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 23 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 19 ta' Gunju 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Steve Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .22 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-Minuti ser jigu diskussi fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra mis-Socjeta' Filarmonika Fra Antoine De Paule, Banda Kristu Re – Is-Sindku qal li d-data tal-attivita' giet posposta u ser issir fid-29 ta' gunju 2013. Is-Sindku qal ukoll li bhala kunsill ser naraw kif nistghu nghinu f;din l-attivita'.

2.2 – Ittra mill-ANSEK – biex is-Segretarju Ezekuttiv u l-iskrivani jattendu ghal-kors tal-accounts u finanzi kull nhar ta' Erbgha u li jibda fis-26 ta' Gunju 2013. Il-kors kollu hu ta' 6 lezzjonijiet. Is-Sindku ppropona li tmur l-iskrivana Josephine Camilleri u wara diskussjoni sar qbil li jekk ikun hemm skrivani ohra nteressati dawn jistghu jattendu wkoll.

2.3 – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2013 ser issir laqgha ghall-ghaqdiet volontarji kollha fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola.

2.4 – Ittra mill-Ghaqda Nar u Armar Lourdes – biex isir reklam fil-ktieb tal-festa. Il-membri approvaw li jsir reklam ta €100.

2.5 – Is-Sindku ppropona li din is-sena l-gabbani li jarmaw fil-Festa ta' Kristu Re jsirilhom xi caqliq fil-postijiet, bhal fil-pjazzetta hdejn Triq Hal Saflieni.

2.5.1 – Il-Kunsillier Ray Attard qal li l-ewwel jixtieq jiehu parir legali biex naraw jekk dan jistax isir.

2.6 – Ittra mill-Kappillan – Wara diskussjoni sar qbil li noffru l-premises l-antik tal-Kunsill izda ma jistax isir hlas tal-pulizija.

2.7 – Il-Kunsillier Axisa qal li kellu laqgha ma' Gymnasia fejn il-kunsill ppropona li jsir kors ghat-tfal. Ser jitqassmu leaflets b'aktar dettalji.

3) **Jum Paola**

3.1 – Saret diskussjoni dwar Jum Paola. Heritage Malta ser jippartecipaw f'din l-attivita', ser ikun hemm il-partecipazzjoni ta' 50 persuna li ser jilbsu lbies tradizzjonali ghal dik l-okkazjoni ghal madwar siegha ghall-ammont ta' €900.

3.2 – Is-Sindku qal li ntbaghtu l-ittri ta' Gieh paola 2013 lill-ghaqdiet kollha biex jigu nominati persuna/i ghal Gieh Paola.

3.3 – Wara diskussjoni, gie deciz li l-kappillan ta' Lourdes, Dun Christopher Galea jinghata token tas-servizz li ta lill-parrocca minhabba li ser jintemm is-servizz tieghu bhala Kappillan f'din il-parrocca.

4) **Attivatijiet EU**

4.1 – Is-Sindku ta xi dettalji dwar il-progett ESF u qal li dalwaqt ser jibdew xi korsijiet. Hu kompla jghid li ser tigi organizzata konferenza ~~ohra.~~ tal-ahbarijiet.

5) **Hatra ta' Skrivan**

5.1 – Is-Sindku qal li harget internal call u taghlaq nhar il-Gimgha 21 ta' Gunju 2013. kien hemm applikazzjoni wahda u ser isir l-interview nhar it-Tlieta 25 ta' Gunju 2013 fil-5.30pm fl-ufficini tal-Kunsill Lokali.

6) ***Schedule of Payments***

6.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €32,408.99

6.2 – **Re cekk nru 5317** – Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar dan il-pagament.

6.3 – **Re cekk nru 5294** – Dan il-pagament gie approvat biex jithallas, izda ser jigu ccekkjati l-kontijiet ta' qabel u dan il-kont ukoll.

6.4 – Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk jistax jigi upgraded il-wi-fi fi Gnien Pawlu Boffa. Ser jigi ccekkjat dan mal-Melita.

6.5 – Il-membri approvaw is-somma ta' €32,408.99

7) **Aggornament**

7.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.30pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2013 fis-6.00pm.

Approvati llum 7-8-13

Kevin Borg

Acting Secretary

Roderick Spiteri

Sindku